MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013

Numru. 425/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Aaron Edward Cole**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Aaron Edward Cole ta' 22 sena, iben Edward u Salvina nee` Camilleri, imwieled Pieta` nhar il-5 ta' Frar 1989, residenti 209, Ta' Pinu, Triq il-Merhba, Fgura u detentur tal-karta tal-identita` numru 73689M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Mejju 2011, kif ukoll f'dawn l-ahhar hames xhur:

1. Impurtajt, jew gieghelt li tigi importata jew ghamilt xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza

(*Cannabis*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'din l-ahhar sena, f'hinijiet differenti f'diversi postijiet madwar Malta:

Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013, il-Prosekuzzjoni rrilevat illi matul l-investigazzjoni rrizulta illi l-importazzjoni mertu tal-ewwel imputazzjoni kienet tirrigwarda droga intenzjonata biss ghall-uzu personali tal-imputat;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-prosekuzzjoni ddikjarat illi mill-investigazzjoni tal-pulizija, rrizulta illi d-droga mportata mill-imputat kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Il-Qorti qieset ukoll l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali aggornata tieghu, li hija wahda netta. In oltre jidher illi l-imputat ghandu mpjieg fiss u hajja stabbli u illi huwa kkopera bis-shih mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Il-Qorti qieset ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta illi huwa ordna 7 grammi *cannabis* minn fuq *website*[1] u li din kienet l-ewwel u l-unika darba li ghamel dan u li matul is-sena ta' qabel huwa gieli pejjep nifsijiet minn *joints* tal-*cannabis*[2].

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2(1), 8(d), 12, 15A, 22(1)(a), 22(2)(b)(ii), il-proviso ghall-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' elfejn, mitejn u hamsin Euro (€2,250)** li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

[1] A fol. 8 tal-process.
[2] A fol. 7 tal-process.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni illi tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li ma nhatru ebda esperti f’dan il-kaz.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument MB1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------